MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 05/2024-9**

**It-Tlieta, 24 ta' Settembru 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina– Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

N/A

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

**05.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

05.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji.

**05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

05.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 04/2024-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

05.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

05.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 04/2024-9 ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**05.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

05.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-DLG rigward SPI/SCI/02/2024 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Kommunitajiet aktar b'Saħħithom u Inklussivi. Il-Kunsill ser jingħata €38,531.75 abiex ikun jista' jsebbaħ soft area fil-Qbajjar Promenade biswit il-fontana fejn jsiru passaggi u picnic benches. Kompla jgħid li l-Kunsill għandu bżonn joħroġ l-offerti. Il-membri qablu sabiex jingħata bidu għal dan il-proċess.

05.3.2 Is-Sindku nforma lil membri li l-Perit tal-Kunsill talab li jitħallas tal-BOQs li ħejja għal re-surfacing ta' Triq il-Qbajjar, parti minn Triq ir-Rabat u Triq il-Mungbell. Kompla jgħid li għaddejja diskussjoni mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex dan il-kont jitħallas mill-Ministeru peress li min-naħħa tal-Ministeru kien hemm qbil li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill u jħallsu għas-servizz il-Ministeru.

05.3.3 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex il-Kunsill jorganizza attivita' bl-isem 'Valley of Fear' fil-Wied ta' Marsalforn nhar is-26 t'Ottubru 2024 u film għat-tfal fil-Każin tal-Banda nhar l-1 ta' Novembru 2024. Qal li l-Kunsill applika għal fondi taħt il-Kultural Funds fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u ser ikun qed jingħata €1,000 sabiex tkun tista' tittella' l-attivita'. Il-Kunsill ser ikun qed joħroġ fondi wkoll minn naħħa tiegħu. Qal ukoll li l-Bar ser ikun f'idejn l-għaqdiet tar-raħal. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini proponiet ukoll sabiex issir attivita' nhar il-25 t'Ottubru 2024 fiż-Żebbuġ Branch Library bl-isem ' Of Boos & Books' sessjoni ta' Qari. Il-membri qablu.

05.3.4 Informa lil membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mid-DLG rigward SPI/SCI/05/2024 – Skema għal Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025. Kompla jgħid li l-Kunsill kwalifika għal €17,088 sabiex ikun jista' jorganizza n-Natale Sul Colle. Il-membri qablu li għandu jiġi mħejji programm bl-attivitajiet li ser isiru fosthom il-Christmas Market, korijiet, banda, train ride u s-servizz ta' Father Christmas.

05.3.5 Rigward il-Ġebla tal-Munġitar fi Triq Għajn Mhelhel is-Sindku nforma lil membri li qed issir ħafna ħsara fl-egħlieqi u jeħtieg li ssir xi ħaġa temporanja mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li ssir applikazzjoni mill-Kunsill taħt Article 70 biex isir ix-xogħol neċessarju. Il-membri qablu li dan ix-xogħol hu mistenni li jsir mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar minħabba l-ispiża. Is-Sindku nforma lil membri li nxtraw ir-reflectors biex jeħlu fl-istess triq. Il-Viċi Sindku Daniel Cordina propona wkoll sabiex jinxtraw u jeħlu reflectors mad-dawra ta' Triq il-Knisja fejn id-Dragon teeth. Il-membri qablu.

05.3.6 Is-Sindku Baskal Saliba nforma lil membri preżenti li ħarġet skema mid-DLG, SPI/SCI/07/2024 – Espressjoni ta' Interess għal Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Bini jiet Pubbliċi. Hawn is-Sindku propona li hemm bżonn terġa ssir il-manutenzjoni tal-kamra tal-Kommunita' li hemm fuq il-Berġa. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu juri espressjoni ta' nteress sabiex jitranġa l-membrane ta' fuq il-bejt, isir it-tikħil li nqala minnħabba l-ilma, jinżebaħ il-bieb u l-ħadid tal-gallerija u jiġi ppulixjat il-madum. Il-membri qablu.

05.3.7 Is-Sindku nforma lil membri li hu, l-Viċi Sindku u s-Segretarja Eżekuttiv iltaqgħu ma l-Avukat Chris Said rigward il-Batterija tal-Qbajjar. Dan għandu jibgħat ittra lil Ministru ta' l-Artijiet. Il-Kunsillera Dr Marlene Cini ġibdet l-attenzjoni li kien hemm qbil fil-laqgħa preċedenti li l-Avukat Mario Scerri u l-Avukat Chris Said jaħdmu flimkien f'dan ir-rigward. Is-Sindku nforma lil membri li jekk sa laqgħa oħra l-Kunsill jibqa' bla risposta l-Kunsill għandu joħroġ stqarrija fuq il-medja. Il-Viċi Sindku qal li jidher li hemm interess ta' terzi fuq il-Batterija. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li qabel ma tinħareġ xi stqarrija fuq il-midja soċjali din għandha terġa tiġi diskussa. Kemm is-Sindku kif ukoll il-Viċi Sindku wieġbu li l-istqarrija li tinħareġ fuq il-medja ma tkunx immirata biex tattakka pero biex issir pressjoni saiex dan il-wirt ma jintilifx.

05.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Għaqda ta' l-Armar qed jaħdu pavaljun tad-dawl u għandhom bżonn jużaw l-istore f'Tal-Virtut. Il-membri qablu li jingħatalhom aċċess sabiex jintuża sakemm jitlesta' l-pavaljun.

05.3.9 Is-Sindku propona u l-membri qablu li jitwaħħal dawl fil-playing field tal-Virtut.

05.3.10 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex l-outdoor gym equipment li nqala miż-Żebbuġ Playing field jeħel fil-playing field tal-Virtut. Il-Kunsillier Nicky Saliba ġibed l-attenzjoni li għandha bżonn titranġa jew tinbidel id-doll house ta' l-istess playing field.

05.3.11 Is-Sindku nforma lil membri li s-Sindku ta' Maletto stieden lil Kunsill sabiex jżur Maletto fi Sqallija. Il-membri qablu li l-membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarja Eżekuttiv jżuru Maletto mill-20 sat-22 t'Ottubru 2024.

05.3.12 Is-Sindku nforma lil membri li rċieva proposta mis-Sindku tal-Fontana sabiex flimkien jorganizzaw 5K run mill-Fontana sa Marsalforn sabiex jinġabru fondi għal Dar Bjorn. Il-membri qablu.

05.3.13 Is-Sindku propona u l-membri qablu li jinxtraw 6 bozzoz li jaħdmu bis-solar sabiex jiddawwal aktar iż-Żebbuġ Playing Field u jkunu ta alternativa fejn hemm bzonn li jiġi mdawwal.

## 05.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

05.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Cordina*

05.4.1.1 Informa lill-membri li għandu talba mingħand Joe Cini sabiex titbaxxa r-rampa li hemm fi Triq f'Għajn Quċċat. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

05.4.1.2 Informa lil membri sabiex issir talba mal-Gozo LC Works għal materjal biss sabiex issir bankina ġdida fi Triq il-Ponta. Ix-xogħol isir mill-ħaddiem tal-Kunsill. Il-membri qablu.

05.4.1.3 Talab sabiex mal-bozza li hemm fi Triq Dun Karm Cachia issir shade man-naħħa ta' wara. Il-membri qablu.

*Il-laqgħa ġiet sospiża fil-4.37pm. Il-laqgħa reġet bdiet fil-4.40pm.*

05.4.1.4 Talab sabiex isir 1m double yellow lines ma garaxx 'Mirage', Triq il-Kaċċaturi. Il-membri qablu.

05.4.1.5 Rigward il-bollards tal-Menqa u l-Port ta' Marsalforn staqsa x'ser isir. Il-membri qablu sabiex isiru dawk il-bollards fejn il-Kunsill ingħata l-permess minn Transport Malta.

05.4.1.6 Informa lil membri li tkellem mas-Sur Matthew Dimech rigward magna oħra tal-BCRS fiż-Żebbuġ. Propona sabiex il-Kunsill javviċina lil xi negozju sabiex jieħu ħsieb BCRS u tiġi nstallata fejn il-Playing Field taż-Żebbuġ. Il-membri qablu li din il-materja għandha tiġi diskussa aktar 'il quddiem.

05.4.1.7 Il-Viċi Sindku propona sabiex Triq il-Qbajjar titħalla one-way is-sena kollha l-ewwel biċċa ta' fejn is-Supermarket ta' Dirjanu fil-parti d-dejqa wara li titlesta it-triq li tieħdok għal Triq il-Forn li l-Kunsill fuq talba tal-proprejetaju Emmanuel Farrugia talab li jingħatala l-isem ta' Triq it-Torri. Il-membri qablu li tiġi estiża l-*one way* fi Triq il-Qbajjar sa l-aħħar ta' Ottubru.

05.4.1.8 Talab sabiex tingħata tfakkira lil MTA rigward il-Webcam tal-Menqa peress li qed jinsterqu l-affarijiet mill-opri tal-baħar.

05.4.1.9 Informa lil membri li ser jqajjem punt b'mod ġenwin. Ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill mhux baqra li taħleb. Talab sabiex isir pjan ta' ħidma. Qal il-Kunsill jinsab b'deficit ta' 'l fuq minn €70,000. Kompla jgħid li hawn mentalita' ħażina fost ir-residenti li kollox irid isir mill-Kunsill. Sostna li qed iqajjem dan il-punt b'mod ġenwin u b'responsabilita'. Talab biex kulħadd ikun responsabbli għax hemm kontijiet pendenti. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini fakkritu illi kull meta kienet tiġbed l-attenzjoni f'dan ir-rigward hu kien dejjem jirrispondi li dan hu investiment fi ħdan ir-residenti u li dan mhux dejn. Il-Viċi Sindku wieġeb li ċertu affarijiet l-membri ma kinux gwidati bix-xogħlijiet li qed isiru. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini ċċarat li meta kienet Sindku hi dejjem kienu jkunu nfurmati bix-xogħol li kien isir. Saħaq li l-attivitajiet għandhom isiru b'mod moderat u li l-Kunsill għandu bżonn iwassal il-messaġġ li l-Kunsill ma jistax jagħmel kull ma jiġi mitlub. Saħaq ukoll li ma għandu jsir ebda xogħol li ma jiġix approvat mill-membri. Is-Sindku qabel mad-diskors tal-Viċi Sindku u żied jgħid li kulħadd għandu jiġbed ħabel wieħed. Il-Viċi Sindku enfasizza li l-Kunsill dejjem kien ta' għajnuna u sostenn ta' l-Għaqdiet imma issa hemm bżonn li jinstab bilanċ.

05.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

05.4.2.1 Proponiet u l-membri qablu sabiex l-Kunsill iġib Cartoon Character quddiem l-iskola fl-ewwel ġurnata tas-sena skolastika.

05.4.2.2 Talbet sabiex l-Għaqda ta' l-Armar tiġi nfurmata sabiex jagħlqu t-tappijiet ta' l-Armar li hemm madwar it-toroq għax qed joħolqu periklu.

05.4.2.3 Ġibdet l-attenzjoni li l-fanali tal-Pjazza għadhom mhux jixgħelu. Is-Sindku nfurmha li xegħlu 3 ijiem u reġgħu ntfew peress li qed titwaqqa' d-DB. Għandha terġa tinġibed l-attenzjoni ta' l-electrician.

05.4.2.4 Staqsiet meta ser jitkomplew jeħlu l-fanali li kellhom jeħlu fil-belvedere ta' Triq Santa Marija. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha li reġet intbgħatet tfakkira lil Kuntrattur.

05.4.2.5 Staqsiet jekk il-Kunsill kellux xi risposta mill-PA rigward l-użu ta' fondi mid-DPF għal bdil tar-railing mill-latrina tal-Qbajjar promenade sal-Bajja tal-Qbajjar. Il-membri qablu li għandha terġa tintbgħat tfakkira lil PA.

05.4.2.6 Proponiet u l-membri qablu sabiex il-pedestrian li hemm tul il-Wied ta' Marsalforn tibda' iktar il-ġewwa jiġifieri minn fejn jispiċċa l-parkeġġ sabiex ma jitnaqqsux parkeġġi għal karozzi.

05.4.2.7 Staqsiet jekk il-Sub-Post Office għadhiex ser issir. Is-Sindku infurmaha li l-Kunsill qed jistenna sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt.

05.4.2.8 Infurmat lil membri li ser issir laqgħa nhar il-Ħamis, 26 ta' Settembru rigward il-Bye-law tal-Bajjiet Pubbliċi mas-Sa. Amity Galea, Chief Scientific Officer.

05.4.2.9 Infurmat lil membri li għada għandha seduta l-qorti t'Għawdex rigward is-siġra li kienet waqgħet fil-parkeġġ ta' Marsalforn lura fis-sena 2019.

05.4.2.10 Proponiet u l-membri qablu sabiex jinħareġ avviż biex min hu nteressat jaqta' ż-żebbuġ mis-siġar li hemm fi Ġnien iż-Żebbuġ.

05.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

05.4.3.1 Talab sabiex jinżabru s-siġar li hemm fi Triq Mons Ġużeppi De Piro. Il-membri qablu li jintbgħat il-kuntrattur.

05.4.3.2 Informa lil membri li nġibditlu l-attenzjoni sabiex il-bieb tal-pitch tal-boċċi ta' Triq Mons Ġużeppi De Piro jingħalaq u minflok jinfetaħ fuq ġenb u ssir tarġa. Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini ma qablitx peress li l-bieb miftuħ skond il-permessi maħruġa mill-PA. Il-Kunsillier Nicky Saliba fakkar li dak sar hemm bi qbil mal-Kumitat tal-Futbol. Wara diskussjoni l-membri qablu li l-ewwel jaraw il-pjanti.

05.4.3.3 Talab sabiex jitranġaw il-konok tas-siġar tal-bruk li hemm fil-bajja ta' Taħt ix-Xifer. Il-membri qablu li x-xogħol isir mill-ħaddiem tal-Kunsill.

05.4.3.4 Talab sabiex l-uffiċċjali ta' l-ERA jagħmlu aktar superviżjoni f'ħinijiet differenti minħabba l-problema taż-żibel. Il-Kunsillier Nicky Saliba ddikkjara konflitt ta' nteress peress li ħu maniġer fuq l-Immaniġjar ta' Skart fi ħdan ir-Reġjun t'Għawdex u astjena minn kull deċiżjoni li jista' jieħu l-Kunsill. Is-Sindku nforma lil membri li minn rapport irriżulta li bejn Jannar u April 2024 inħarġu biss 4 ċitazzjonijiet mill-uffiċċjali ta' l-ERA u għalhekk propona li l-Kunsill iqabbad green wardens qabel ma jasal is-Sajf. Il-membri qablu.

05.4.3.5 Talab sabiex issir tfakkira lil Għaqda ta' l-Armar sabiex jitneħħa l-arblu ta' l-armar minn fuq il-bankina ta' Triq il-Knisja.

05.4.4 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

05.4.4.1 Talab sabiex jinqata' l-weraq tal-bajtar f'Wied l-Infern li ħiereġ għal fuq it-triq. Il-membri qablu li jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill.

05.4.4.2 Talab sabiex jinqata' wkoll l-weraq tal-bajtar fi Triq il-Ponta kantuniera ma Triq is-Sellum. Il-membri qablu li jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill.

05.4.4.3 Propona u l-membri qablu sabiex jimtela' bis-siment kanal li jinsab malli tispiċċa Triq is-Sagħtrija fejn Ġnien Serħan is-Sagħtrija sal-kantuniera peress li l-karozzi qed jipparkjaw 'il barra minn dan il-kanal. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

05.4.4.4 Rigward il-bozza li kellha teħel fi Triq Mons Ġużeppi De Piro propona li x-xogħol isir minn Chris Gauci peress li Richard Cauchi qed iħalli ħafna xogħol pendenti u lanqas it-tiswijiet neċessarji fuq iż-Żebbuġ playing field ma għamel. Il-membri qablu.

05.4.4.5 Rigward Triq ta' Ċenċ fejn qed iċċedi t-triq ta' fuq. Qal li l-Ministeru għal Għawdex informa lil Kunsill li l-offerta kellha tagħlaq fis-27 ta' Settembru 2024 u għalhekk il-Kunsill għandu jivverifika mad-Direttur Ġenerali f'hiex waslet it-tiswija ta' din it-triq.

05.4.5.6 Talab sabiex tinbidel il-grada perikoluża li hemm in-naħħa ta' fuq ta' Triq ta' Ċenċ u tissewwa' dik ta' Triq il-Ponta. Il-membri qablu.

*Is-Sindku talab lil membri sabiex tiġi diskussa item No. 05.6 Skemi u Attivitajiet qabel Item No. 05.5 Approvazzjoni tat-tieni rapport ta' kull kwart April-Ġunju 2024 peress li l-accountant tal-Kunsill bħalissa jinsab indispost. Il-membri qablu.*

05.6 Skemi u Attivitajiet

05.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar Nodfa fejn il-Kunsill ser jingħata €1,125 l-Attivita' tal-World Clean Up Event saret dak in-nhar filgħodu fil-Qbajjar Promenade u f'Wied l-Infern. Qalet li nxtraw recycle bags sabiex jitqasmu lir-residenti biex ikun mħeġġa jisseparaw l-iskart kif ukoll ser jiġu ordnati tabelli biex jitwaħħlu madwar il-lokalita' sabiex ir-residenti jkunu mħeġġa joħorġu l-boroż ta' l-iskart kif suppost.

05.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill applika għal Fondi Kulturali sabiex issir iż-Żebbuġ Gozo Motor Show nhar il-Ħadd, 13 t'Ottubru 2024 b'risq Puttinu Cares. Kompliet tgħid li l-Kunsill ser jingħata €500 sabiex tittella' din l-attivita'.

05.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li Infrastructure Malta nediet fond sabiex isiru proġetti fil-lokalitajiet. Proġetti li jgħatu dehra ġdida u aktar vibranti. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser tkun qed tgħin lil Kunsilli li jixtieqi jappikaw għal dawn il-fondi sabiex jiġi implimentat xi proġett. Il-membri qablu li għandha tintalab aktar informazzjoni lil Assoċjazzjoni f'dan ir-rigward.

05.6.4 SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill intalab kjarifika mill-Local Government Division sabiex il-Kunsill jikkonferma min jieħu ħsieb il-latrina. Kompliet tgħid li l-Kunsill kien issottometta applikazzjoni għal manutenzjoni tal-latrina pubblika tal-Qbajjar Promenade sabiex jissewwa s-saqaf, isir is-suffit, jinbidel il-madum u l-faċilitajiet sanitarji. Jitranġa wkoll l-aċċess għal din il-latrina. Il-fondi mitluba kienu jammontaw għal €31,200. Il-

membri qablu li l-Kunsill għandu jiffinanzja 15% ma l-ammont li ser ikun qed jingħata.

05.6.7 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex il-Kunsill japplika għal fondi Ewropej taħt Interreg EuroMed Call V għal *Establish a Refillable Water Bottle Program* u *Create Waste Reduction Incentive Programs.*

## 05.5 Approvazzjoni tat-tieni Rapport ta' Kull Kwart April-Ġunju 2024

Fis-6.00pm s-Sindku stieden lil Accountant tal-Kunsill sabied jingħaqad permezz ta' kollegament telefoniku mal-kamra.

L-accountant spejga li skont dan ir-rapport id-dħul u l-ħruġ hu konformi mal-Budget. Qal li sa l-aħħar ta' Ġunju id-deficit jinsab b'FSI -12% jiġifieri €81,802. Qal li ż-żiediet fid-dejn tal-Kunsill għal dan il-kwart tas-sena huma żiedied fir-rata tat-tipping fees fuq l-iskart. Fakkar lil membri sabiex ikunu kawti fid-deċiżjonijiet li jittieħdu dwar l-infiq finanzjarju.

Ir-rapport ġie approvat mill-membri u għalhekk l-accountant tal-Kunsill temm il-kollegament fis-6.05pm.

*Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini skużat ruħha li kellha tħalli l-laqgħa minħabba mpenji oħra. Għalhekk ħalliet il-kamra fis-6.05pm*

## 05.7 Materji oħra

05.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri ġiet riċevuta ittra minn TM fejn talbu lil Kunsill sabiex titħassar ir-reserved disabled parking bay minn Triq Ħabel it-Twil peress li min talabha ġie nieqes. Il-membri nnutaw il-kontenut.

05.7.2 Rigward il-problema tal-ħamiem fid-diversi toroq f'Marsalforn, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-kuntrattur jpoġġi tank fuq bejt fejn jiġi mimli bl-ikel u li jġib il-ħamiem sterile. Il-membri ma qablux ma dan peress li l-ewwel irid jiġi verifikat jekk dan il-ħamiem hux ta' xi sidien.

05.7.3 Talba mingħand Carmel Camilleri li joqgħod fi Triq Santa Marija fejn talab sabiex quddiem l-entratura tal-blokka jsir double yellow line minħabba li qed jipparkjaw il-karozzi. Il-membri ma qablux ma dan peress li hemm bankina.

05.7.4 Talba mingħand Carmen Mifsud sabiex jinżebgħu 1m double yellow line mal-ġnub taż-żewġ garaxxijiet tagħhom fi Triq il-Ponta. Is-Sindku ddikjara konflitt ta' nteress. Il-membri qablu li dawn isiru.

05.7.5 Talba mill-Għaqda Żebbuġ Kids u l-Paroċċa fejn talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġu organizzati żewġ attivitajiet għax-xahar ta' Settembru. Il-membri qablu li jiġu organizzati l-attivita' tat-tberik tas-satchels qabel ma tibda' l-iskola u t-tberik tal-Pets fl-okkażżjoni tal-Festa ta' San Franġisk liema attivita' għandha ssir fiż-Żebbuġ Shooting Range.

05.7.6 Talba mingħand Nataline Sciberras u Mario Dimech sabiex l-sqaq fi Triq Għażżiela jitranġa sabiex ma jibqax iżomm l-ilma f'nofsu. Il-membri qablu li l-Kunsill jieħu l-parir tal-Perit x'jista' jsir.

05.7.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill irċieva l-BOQ mingħand il-Perit rigward il-kisi ta' triq ġdida fi Triq il-Ponta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li biex issir bil-hot rolled asphalt l-ispiża tkun ta' €56,631.08 waqt li bil-monolitick patterned concrete l-ispiża titla għal €67,493.69. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill m'għandux budget għal din l-ispiża kollha u għalhekk il-membri qablu sabiex l-offerta tinħareġ fuq żewġ lots separati. Lot 1 tkun għal hot rolled asphalt sa fejn hemm il-bini waqt li Lot 2 tkun għal bqija tat-triq u tkun bil-konkos. Ittieħdet din id-deċiżjoni sabiex l-ispiża tkun irħas u ma jintefqux iktar mill-bilanċ tal-fondi tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar li kien għad baqa' minn ta' Triq Għajn Mhelhel.

05.7.8 Ilment M10/2024 – Michael Cassat ta' Triq is-Salini fejn talab sabiex isir xi ħaġa quddiem l-appartamenti tiegħu minħabba l-fatt li meta tagħmel ix-xita jinżamm l-ilma u ma jkunx hemm aċċess għal proprjeta. Wara diskussjoni l-membri qablu li għandu jittieħed il-parir tal-Perit fuq dan il-każ.

05.7.9 Ilment M11/2024 – Talba mingħand Joseph Hili ta' Jessica's Delights sabiex il-bollards ta' Triq il-Wied jinbidlu. Il-membri qablu li dawn minflok jiġu nstallati bollards suwed bir-reflectors magħhom.

05.7.10 Talba mingħand Jennifer Bonello sabiex f'Ottubru terġa tibda' torganizza il-Fitness Classes fl-iskola Primarja. Il-membri qablu li l-Kunsill jissusidja lir-residenti tal-lokalita' sabiex jattendu għal fitness classes.

05.7.11 Talba mingħand Benna Vella ta' Triq Għajn Mhelhel sabiex jitranġa l-ħajt li waqa bix-xita u li qed jostakola Triq ta' Ħluq. Il-membri qablu li dan il-ħajt jerġa jittella' bil-ħaddiem tal-Kunsill.

05.7.12 Suġġeriment mingħand Alfred Saliba sabiex it-triq ta' fejn is-slip way tax-Xwejni jiġifieri mill-kantuniera sas-slipway teħel xi ħaġa fl-art biex it-triq ma tibqax tiżloq. Il-membri qablu li jaraw jinstabx tip ta' żebgħa li ma tiżloqx jew titqaxxar ftit it-triq.

05.7.13 Talba mingħand Marlene Camilleri sabiex jitranġa t-taraġ li waqa li tidħol għalih minn Triq Santa Marija taħt il-latrina tal-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu li jinġabu l-istejjem neċessarji.

05.7.14 Talba mingħand Anthony Grech sabiex jitnaddaf taħt Triq iċ-Ċaqra peress li l-ħamrija ta' l-egħlieqi inġarret fit-triq u għalqet parti mit-triq. Il-membri qablu li l-ħamrija titnaddaf b'gaffa.

05.7.15 Suġġeriment mingħand John Cassar sabiex fuq il-bankina ta' fuq il-latrina pubblika fi Pjazza l-Assunta jeħlu żewġ fanali. Il-membri qablu li jinġabru kwotazzjonijiet għal żewġ fanali. Qablu wkoll illi wasal iż-żmien li l-Kunsill japplika għal fondi tad-DPF sabiex jinbidlu l-fanali kollha li hemm fi Triq il-Knisja u Pjazza l-Assunta kif ukoll jitranġa it-taraġ ta' Triq Barda u jiġi nstallat lift mill-istess fondi.

05.7.16 Talba mingħand Jane Borg sabiex tul Triq il-Kaċċaturi malli ddur lejn Triq Sagħtrija jiġu nstallati road humps minħabba s-sewqan eċċessiv. Il-membri ma qablux ma din il-proposta peress li TM ma jagħtux permessi bħal dawn fejn djar residenzjali. Issuġġeriet ukoll

sabiex tiġi nstallata bozza qrib il-bus stop minħabba d-dlam. Il-membri qablu li jieħdu l-permess ta' l-Inġineer f'dan ir-rigward.

## 05.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 03/2024 għall-perjodu ta' Settembru 2024 li tammonta għal €83,258.08 ġiet approvata mill-membri preżenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed jieħu deċiżjoni fuq l-approvazzjoni tal-kont mibgħut mir-Reġjun t'Għawdex bin-numru 65 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Maniġer tar-Reġjun.

## 05.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser titħabbar aktar tard.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv